# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru:** 129/2016 DMA

**Mark Fleri(ID.16601L) u Sarah Fleri (ID. 397474M)**

**Vs**

**John Meli (ID. 57355M) u Maryanne Meli(ID. 98755M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' April, 2016 fejn l-atturi talbu illi huma prorpjetarji tal-fond bl-isem "Tranquility", Triq Josef Kalleya, Swieqi, adjacent l-fond prorpjeta' tal-intimati John u Maryanne Meli, fil-pussess ta' binthom l-intimata Elaine Meli, bl-isem "Bayo", Triq Josef Kalleya, Swieqi.

Illi ghal dawn l-ahhar sentejn, l-esponenti qed ibatu dhul ta' ilma mill-fond tal-intimati, liema ingress ta' ilma qed jikkawzalhom danni, konsistenti fi hsara fil-hitan tas-*semi-basement* taghhom.

Illi l-esponeneti wettqu xogholijiet riparatorji fil-prorpjeta' taghhom, b' rizultat tal-ingress tal-ilma minghand l-intimati, liema spiza tammonta ghal disa mija u ghaxar ewro (€910).

Illi ghal dawn id-danni u ghall-ispejjez inkorsi mill-esponenti ghandhom iwiegbu l-intimati wahedhom.

Illi minkejja li l-intimai gew debitament interpellati sabiex ihallsu s-somma hawn fuq imsemmija, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu:

i. Jiddikjara lill-intimati flimkien, jew min minnhom unikament responsabbli ghad-danni kagunati fil-proprjeta' taghhom bl-isem "Tranquility", Triq Josef Kalleya, Swieqi u dan b' rizultat ta' ingress ta' ilma mill-proprjeta' taghhom bl-isem "Bayo" fl-istess triq, Swieqi.
ii. Konsegwentement, jikkundanna lill-istess intimati *in solidum* bejniethjom, jew min minnhom, ifsallsu lill-esposnenti s-somma ta' disa mija u ghaxar ewro (€910), in linea ta' danni kif hawn inghad.

Bl-ispejjz u bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.

Il-Konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fid-19 ta' Mejju, 2016 fejn eccepew illi t-talba kif intavolata fil-konfront ta' l-esponenti hija nfondata fill-fatt u

fid-dritt, stante li l-esponenti ma humiex responsabbli ghal xi danni fil-prorprjeta’ ta’ l-atturi, u dan kif reklamat fl-avviz tat-talba.

Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti kellhom jezegwixxu xoghlijiet riparatorji fil-prorpjeta’ taghhom minhabba l-ingress ta’ ilma minghand l-istess attruri, u ta’ dan huma qeghdin iressqu kontro-talba kontestwalment.

Bl-ispsejjes kollha kontra l-istess atturi.

Fill-kontro-talba l-konvenuti talbu illi l-esponenti rikovenzjonanti wettqu xoghlijiet riparatorji minhabba ngress ta’ ilma mill-proprjeta’ tar-rikonvenzjati. Illi r-rikovenzjonati ghandhom ihallsu s-somma ta’ hames mitt ewro (€500) rapprezentanti ammont ta’ dawn ix-xogholijiet, liema ammont diga’ gie mhallas mir-rikonvenzjonanti.

Bl-ispejjez kontra r-Rikovenzjonanti.

It-Tribunal wara li semgha z-zewg partijiet flimkien mal-periti rispsettivi taghhom huwa tal-fehma illi din hija kwistjoni fejn qed jiskula ilma minn proprjeta’ ghal ohra. Jidher illi z-zewg partijiet ghamlu l-almu taghhom sabiex jimminimizzaw danni u hsarat u ghalhekk hadd minnhom ma jista jinzamm responsabbli. Min-naha tal-atturi sahansitra spiccawa biex ghamlu xogholijiet estetici sabiex il-problema ma tibqax tidher pero’ ma tnehhitx.

It-Tribunal huwa tal-fehma ghalhekk illi l-ebda mill-paritjiegt ma ghandha tbaghti l-ispsejjez waheda u ghandhom jinghaqdu l-ispsejjez taz-zewg partijiet u jinqasmu b’ mod ugwali bejniethom.

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta’ mitejn u hames ewro (€205) u dan sabiex wara li jinghaqdu l-ammonti ta’

disa mija u ghaxar ewro (€910) u hames mitt ewro (€500) u jinqasmu kull parti tkun harget nofs l-ispsiza fl-ammont ta' seba mija u hames ewro (€705).

Ghaldaqstant it-Tribunal jordna lil konvenuti jhallsu l-ammont ta' mitejn u hames ewro (€205) lill-atturi bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**